MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 159/2006

**Sandro Mackay (ID 330475M)**

**vs**

**George Fenech (ID275662M) u Amanda Fenech (ID272686M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija wiehed u ghoxrin Lira Maltin (LM321) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lill-attur in konnessjoni ma fornitura ta' diversi wejjeg lilkom ikkonsenjati, accettai minnhom u dan kif jidher mid-diversi fatturi accettai u ffirmati fuq medda ta' diversi dati.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-sena elfejn u hamsa u bl- imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-konsenja tal-oggetti.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Sema ix-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young fit-8 ta' Frar, 2007 debitament awtorizzata tirraprezenta l-attur fejn hija kkonfermat li l-ammont huwa dovut mill-konvenut.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------